TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR
MALTA
CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 78/13/GB

Madeleine Schembri Zarb

vs

Crosscraft Co. Ltd.

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Marzu, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mija sitta u sittin Ewro u disgha centezmi (€566.09), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal fridge-freezer li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema fridge-freezer kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob fridge gdida jew refund tal-flus, jew li tinghata fridge 'non-frost' u thallas id-differenza.

Meta hija xtrat il-fridge-freezer, jumejn wara li bdiet tuzaha, ghamlet hafna silg fil-freezer compartment u l-affarijiet u l-ixkafef tal-fridge kienu mxarbin u mtapnin. Marru l-haddiema tas-socjeta' ntimata kemm-il darba, hadu ritratti kemm-il darba, biddlu t-termostat, darba ohra biddlu l-lastiku tal-bieba tal-freezer u haduha l-workshop. Wara hames gimghat giet lura bil-bieba

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230990

'dented'. Is-silg tal-freezer compartment baqa' l-istess, specjalment hiereg il-barra minn naha ta' fuq. Meta r-rikorrenti tiftah il-bieba jaqa' s-silg fuq wiccha.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Wara ftit gimghat, ir-rikorrenti kienet informatha illi kellha problema ta' silg go l-freezer. Is-socjeta' ntimata baghtet it-teknici biex tissolva l-problema ghand ir-rikorrenti. Madanakollu, gie deciz, u bi qbil bejn il-partijiet, is-socjeta' ntimata gabret il-fridge u haditha gewwa l-workshop taghha. Instab li sempliciment b'washer is-setting tal-bieba giet tajba. Is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrenti sabiex tmur tara l-fridge ghandha, fejn hija marret u kienet sodisfatta bix-xoghol, tant illi accettatha u l-fridge giet ikkonsenjata lura ghandha. Wara, ir-rikorrenti kienet ilmentat illi s-socjeta' ntimata kienet laqtet il-bieba tal-fridge, fejn is-socjeta' ntimata kienet offriet illi tbiddel il-bieba pero' r-rikorrenti rrifjutat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha mil-miktub, fejn ziedet tghid illi s-socjeta' ntimata offriet illi tbiddel il-bieba tal-fridge-freezer in kwistjoni pero' hija kienet irrifjutat. Stqarret ukoll illi l-fridge qed tahdem tajjeb pero' il-freezer baqghet l-istess.

Ir-rikorrenti ezebiet tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MSZ1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi ma kien hemm xejn hazin fil-fridge-freezer. Rigward it-taghfis hija tammetti illi veru li kien hemm taghfis, pero' s-socjeta' ntimata kienet offriet li tbiddel il-bieba. Stqarret illi ma kienx minnu li t-telefonati tar-rikorrenti ma gewz irrisponduti minnha. Ikkonfermat ukoll li r-rikorrenti mill-ewwel kien iddispjaciha li ma kenitx xtrat wahda 'non-frost', u li ma rieditx il-fridge-freezer li kienet xtrat.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-job-cards in kwistjoni, li gew immarkati bhala Dok.CC1 sa Dok.CC4.

It-Tribunal jinnota wkoll illi meta huwa ssuggerixxa li jitqabbad espert tekniku, ir-rikorrenti rrifjutat minghajr ebda raguni valida.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota n-nuqqas ta' provi rigwardanti l-allegat difett fil-mod kif tiffunzjona l-fridge-freezer in kwistjoni, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata tbiddel il-bieba tal-fridge-freezer in kwistjoni, a spejjez taghha, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**